A.L. 143 ta' l-1994

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1994 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1994 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-30 ta' Settembru, 1994.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Ġiorni, limiti ta' San Ġiljan, tal-kejl ta' madwar 521.5 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Fraxxnu, mil-Lvant ma' triq pubblika u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħdar fuq L.D. 216/81/25.

(2) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Sannat, limiti Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' madwar 198 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar u mix-Xlokk ma' triq pubblika, delineata bl-aħdar fuq L.D. 125/94.

(3) Flat numru 7, Blokk 4, Appartamenti Tal-Karwija, Kirkop (Tenement No. 76638)).

(4) Flat numru 1, Blokk D-2, Triq l-Istiratur, Ta' Mlit Government Housing Estate, Mosta (Tenement No. 70842).

(5) Id-dar bin-numru 37, Bini tal-Gvern, Triq il-Għid, Siġġiewi (Tenement No. 71171).

(6) Flat numru 5, Bieb 2, Proġett ta' Bieb il-Belt, Triq il-Papa Piju V, Valletta (Tenement No. 70526).

(7) Il-Blokki 1 sa 5 li jikkonsistu f'45 flat, ħdax il-ħanut u 14-il *garage*, li jagħmlu parti mill-Yacht Marina Apartments fi Triq Marina kantuniera ma' Triq Qrejten u Telgħat Gwardamanġa, Pietà, kif qed jiġi hawn iktar 'il quddiem indikat:—

L-imsemmija 45 flat jinsabu kif ġej:—

Għaxar flats għandhom dħul għalihom minn bieb intern enumerat 1-10 b'entrata komuni magħrufa bħala Blokk 1;

Għaxar flats oħra għandhom dħul għalihom minn bieb intern enumerat 1-10 b'entrata komuni magħrufa bħala Blokk 2;

Għaxar flats oħra għandhom dħul għalihom minn bieb intern enumerat 1-10 b'entrata komuni magħrufa bħala Blokk 3;

Għaxar flats oħra għandhom dħul għalihom minn bieb intern enumerat 1-10 b'entrata komuni magħrufa bħala Blokk 4;

Ħames flats għandhom dħul għalihom minn bieb intern enumerat 1-5 b'entrata komuni magħrufa bħala Blokk 5;

Il-45 flat jinsabu fi Triq Marina u għandhom ukoll dħul għalihom minn entrata oħra fuq livell 2 fil-parti komuni li tidher delineata bl-isfar fuq L.D. 163/94.

Il-ħdax il-ħanut imsemmija għandhom dħul għalihom minn bieb estern separat li huma mhux uffiċjalment enumerati 1-3, 3A, 4 sa 10 u li jinsabu kif ġej:—

Ħwienet 1 sa 3 qegħdin fuq livell sottostanti l-flats fi Blokk 1;

Ħwienet 3A, 4 u 5 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats fi Blokk 2;

Ħwienet 6 sa 8 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats fi Blokk 3;

Ħwienet 9 u 10 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats fi Blokk 4.

L-imsemmija ħwienet kollha jinsabu fi Triq Marina.

L-imsemmija 14-il *garage* għandhom dħul għalihom minn bieb estern separat f'parti komuni li huma mhux uffiċjalment enumerati 11 sa 24 u li jinsabu kif ġej:—

Garages 11, 23 u 24 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats fi Blokk 5;

Garages 12 sa 19 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats fi Blokki 2 u 3;

Garages 20 sa 22 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats fi Blokk 1.

Il-*garages* kollha hawn aktar qabel imsemmija għandhom dħul għalihom minn parti komuni li qegħda fuq livell 1 li tidher delineata bl-isfar fuq L.D. 163/94.

Il-konfini jinkludu sehem indiviż tal-parti komuni li tidher delineata bl-isfar fuq L.D. 163/94.

Kull blokk, *garage* u ħanut jinsabu konfinati flimkien mit-Tramuntana bi Triq Marina, mill-Punent bi Triq Qrejten u min-Nofs-in-Nhar bi proprjetà tal-Gvern (parti komuni).

Dawn il-blokki, *garages* u ħwienet jidhru delineati bl-aħdar fuq L.D. 163/94 u l-partijiet komuni jidħru delineati bl-isfar fuq l-istess pjanta.

(8) Parti mill-Blokki 6 u7 li jikkonsistu f'14-il *garage* u fond li jintuża mill-awtoritajiet postali, li jagħmlu parti mill-Yacht Marina Apartments fi Triq Marina, Pietà, kif hawn iktar 'il quddiem indikat:—

L-imsemmija 14-il *garage* għandhom dħul għalihom minn bieb estern separat f'parti komuni li huma mhux uffiċjalment enumerati l-10 li qegħdin fuq livell 1, u 25 sa 28 li qegħdin fuq livell 2, u li jinsabu kif ġej:—

Garages 1 sa 5 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats li hemm fi Blokk 7;

Garages 6 sa 10 qegħdin fuq livell 1 sottostanti l-flats li hemm fi Blokk 6 u parti mill-fond okkupat mill-Awtoritajiet Postali;

Garages 25 sa 28 qegħdin fuq livell 2 sottostanti l-flats fi Blokk 7 u sovrastanti l-*garages* 1 sa 4.

Il-fond użat mill-Awtoritajiet Postali li qiegħed fuq livell 2 huwa sottostanti għall-flats fi Blokk 6 u għal parti mill-flats fi Blokk 7 u huwa sovrastanti il-*garages* 5 sa 10.

Kull *garage* u fond jidhru delineati bl-aħdar fuq L.D. 163/94 u għandhom dħul għalihom minn parti komuni li qegħda fuq livelli 1 u 2 li jidhru delineati bl-isfar fuq l-istess pjanta.

Il-konfini jinkludu sehem indiviż tal-parti komuni. Il-*garages* u l-fondi msemmija qabel jinsabu konfinati flimkien mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern (parti komuni) u mil-Lbiċ ma' Telgħat Gwardamanġa.